MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 47/2010

**Costantino *sive* Lino Cortis**

**-vs-**

**Augustine *sive* Austin Grixti u Rita Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta’ Jannar 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

(i) Illi l-attur huwa l-propjetarju ta’ garaxx fi Sqaq Dun Perin, Birkirkara.

(ii) Illi l-konvenuti jirrisjedu fil-fond, 43, ‘Ta’ Fransija’ Triq l-Imnajjar Birkirkara, li jiġi fuq in-naħa ta’ wara tal-garaxx imsemmi.

(iii) Illi fil-garaxx tal-attur hemm tieqa lil tagħti għall-fuq il-fond 43, 'Ta' Fransija' Triq l-Imnajjar, Birkirkara liema tieqa ilha hemm għal għexieren ta' snin u li permezz tagħha l-attur igawdi servitu' għall-fond li fih jirrisjedu l-konvenuti.

(iv) Illi fil-25 ta' Novembru 2009 il-konvenuti jew min minnhom, bil-moħbi tal-attur, waħħlu biċċa *perspex* b'kaxxi mlewwna aħmar u aħdar skuri li permezz tagħha għalqu kemm l-arja kif ukoll id-dawl li jidħlu fil-garaxx tal-attur.

(v) Illi dak li għamlu l-konvenuti jew min minnhom jikkonsisti fi spoll vjolenti, liema spoll qiegħed jirreka dannu għall-attur u għad-drittijiet tiegħu.

(vi) Illi minkejja li l-konvenuti ġew debitament interpellati sabiex ineħħu din il-perspex dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li tista' tkun meħtieġa skond il-liġi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur meta waħħlu *perspex* skura quddiem l-istess tieqa li hemm fil-garaxx tal-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti jneħħu il-*perspex* li għamlu u b'hekk jirreintegraw lill-attur fil-pussess li kien igawdi qabel ħadu l-liġi b'idejhom.

3. Fil-każ li l-konvenuti jew min minnhom jibqgħu inadempjenti, tawtorizza lill-atturi sabiex ineħħu l-istess *perspex* taħt id-direzzjoni u kontroll ta' perit nominat mill-Qorti u dan għas-spejjeż tal-konventui jew min minnhom.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Novembru 2009 u b'riżerva għal kull azzjoni ta' danni li jista' jkun intitolat għalihom l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, preżentata fil-11 ta' Frar 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrent.

2. Fl-ewwel lok ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll proposta mir-rikorrenti

3. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju illi l-intimat Augustine *sive* Austin Grixti ġie mħarrek inutilment stante illi l-proprjeta' 43, 'Ta' Fransija', Triq l-Imnajjar, B'Kara mhix proprjeta tiegħu iżda tal-ko-intimata waħedha.

4. Fit-tielet lok u ukoll mingħajr preġudizzju, fattwalment skorrett ir-rikorrent illi igħid illi l-intimati *"għalqu kemm l-arja u kif ukoll id-dawl li jidħlu fil-garaxx tiegħu"* – u di fatti jekk ir-rikorrenti kien igawdi pussess ta' tieqa sabiex minnha jieħu dawl u arja – hekk għadu jagħmel sal-ġurnata tal-lum.

5. Salv risposti ulterjuri.

6. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2012 fejn wara li d-difensur tal-attur tratta l-kawża, il-Qorti prefiġġiet terminu ta' xahar biex il-konvenuti jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti, u ddiferiet il-kawża għas-sentenza;

Rat l-imsemmija nota li ġiet preżentata *entro* t-terminu mogħti;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenuti kkommettew dan l-ispoll, billi għalqu t-tieqa li għaliha hemm riferenza fl-istess rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe:

1. il-pussess - ***possedisse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur - ***spoliatum fuisse*****;** u

3. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – **infra bimestre deduxisse**.

Illi l-konvenuti filwaqt li jgħidu li ma hemmx ir-rekwiżiti meħtieġa biex it-talba attriċi tiġi milqugħa, qed jikkontestaw li l-attur tneħħielu l-pussess tal-arja u d-dawl li jsemmi fir-rikors. Il-konvenut Augustine *sive* Austin Grixti qed jeċċepixxi wkoll li ġie mħarrek għalxejn għax il-proprjeta' mhux tiegħu.

Illi ma hemmx dubju li l-konvenuti għalqu t-tieqa in kwistjoni għaliex dan ġie anke ammess minnhom stess. Fil-fatt fl-affidavit tagħhom qalu li għamlu dan għaliex filwaqt li għal snin twal it-tieqa (huma jsejħulha loġġ għaliex min-naħa tal-propjeta' tagħhom hemm loġġ) dejjem kienet magħluqa; xi sentejn qabel, u ċjoe' fl-2009 l-attur beda jiftaħha regolarment u bdew isibu titjir ta' *'roof compound'* fuq il-proprjeta' taghhom.

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** intqal illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet, fis-sens li l-*

*azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għal- fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *'che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio'.*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita privata … jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija*

*eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi hawn ta' min jgħid illi l-awtur **Torrente (Manuale di Diritto Privato**, paragrafu 213) jgħid illi: *"le servitu' affermattive anche se non apparenti, .. possono essere difese con l' azione di spoglio' ... non possono invece, formare oggetto di azione di reintegrazione le servitu' negative, perche non sono suscettibili di possesso ..."* F'dan il-każ l-attur qed jitlob appuntu difiża ta' pussess ta' servitu' apparenti. L-awtur **Trabucchi (Commentario breve al Codice Civile)**, f'pagna 1044 jgħid *"Per integrare la fattispecie dello stato e' necessario che' la privazione del possessore abbia u carattere duraturo, non bastando all' uopo un' occasionale, provvisoria, limitazione dell' altrui godimento"*.

Illi d-difiża tal-konvenuti li huma għalqu t-tieqa biex jipproteġu l-proprjeta' tagħhom ma tistax tiġi aċċettata għaliex filwaqt li huwa minnu li kulħadd għandu d-dritt li jipproteġi l-proprjeta' tiegħu, u anke okkażjonalment iwieġeb għall-spoll billi jerġa' jpoġġi kollox kif kien qabel, il-konvenuti mhux hekk għamlu iżda qabdu u bidlu għal kollox l-istat ta' fatt billi għalqu permanentement it-tieqa. Biex jagħmlu dan kellhom jitolbu awtorizzazzjoni tal-Qorti, jekk ikun il-każ. Lanqas ma jistgħu jiddefendu ruħhom billi jgħidu illi l-attur xorta għad għandu d-dawl u l-arja għaliex jidher *ben* ċar anke mir-ritratti esebiti illi dawn naqsulu konsiderevolment bl-egħluq tat-tieqa.

Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenut illi mhux proprjetarju tal-fond in kwistjoni, billi din hija kawża possessorja, l-istess eċċezzjoni m'għandhiex saħħa. Jidher ċar li huwa kien koparteċipi fil-kommissjoni tal-ispoll u għalhekk l-attur għamel sew li ħarrek ukoll lilu. Ma hemm ebda eċċezzjoni illi l-kawża ma saritx *entro* t-terminu ta' xahrejn.

Illi mill-assjem tal-provi għalhekk il-Qorti hija moralment konvinta li t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u tipprefiġġi terminu ta' xahar biex isir ix-xogħol neċessarju. Il-Qorti qed tinnomina lill-A.I.C. Godwin Abela biex jissorvelja l-istess xogħol.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------